# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 1.2

**Kap 1: Id-Dinja Sabiħa**

**Lezzjoni 1.2 – Is-sabiħ fija u fl-oħrajn!**

**L-Għanijiet:**




**L-istudenti:**

1. Jifhmu li kollha għandhom il-kwalitajiet tajbin.
2. Jitkellmu dwar it-tajjeb li għandhom.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**



- *Action song - What can you do? :* http://www.youtube.com/watch?v=7MKmbyfhkkE
- *Karta ta' Taħriġ 1.2* - "Is-Sabiħ fija u fl-oħrajn"

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

Għid lit-tfal jaħsbu f'affarijiet li jafu jagħmlu u li jħobbu jagħmluhom. Wara, isimgħu u kantaw is-song *What can you do?*

http://www.youtube.com/watch?v=7MKmbyfhkkE



**Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)**



- Staqsi lit-tfal: X' azzjonijiet rajna hemmhekk? Kollox tafu tagħmlu?
- Iddiskuti mat-tfal:
    - Min minnkom jaf isuq ir-rota?
    - Min jaf ipinġi ħafna?
    - Min jaf idoqq xi strument?
    - Minn fejn ġejjin dawn it-talenti u l-kwalitajiet sbieħ tagħna?
    - X' għandna ngħidulu lil Alla tal-kwalitajiet sbieħ li tana?
    - Ferħanin b' dak li nafu nagħmlu?
- Iddiskuti - Kif nistgħu nuru dan il-ferħ tagħna? Billi nkomplu naħdmu u nkabbru l-kwalitajiet tajbin li għandna.

- Spjega hekk: Kif qed taraw, mhux kulħadd jaf jagħmel l-istess affarijiet. X' l-aħjar li nagħmlu – noqogħdu niftaħru b'dak li nafu jew li ningħaqdu, ngħinu 'l xulxin u naħdmu flimkien?
- Staqsi lit-tfal sabiex jagħtu eżempji ta' kif nistgħu ningħaqdu u nużaw it-talenti tagħna flimkien.
- Spjega li Alla tana dawn il-kwalitajiet sbieħ u aħna rridu nfaħħruh u nirringrazzjawh. Ejja naħdmu sabiex inkomplu nżidu t-talenti tagħna.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet u jsibu 1.2 mill-Ktieb tagħhom.
- Staqsihom x'qed jaraw fl-istampi.
- Spjega x'hemm bżonn li jagħmlu f'Attivita 1 u bħala klassi għin lil kulħadd, speċjalment lil dawk li forsi jkollhom bżonn l-għajnuna, biex jaslu li jimlew il-kelma t-tajba fil-vojt.

- Spjega Attività 2 u ħalli lit-tfal ipinġu/ jiktbu dak li jħossu. Wara ħalli lit-tfal juru lil sħabhom x'ikunu pinġew jew kitbu.
- Stieden lit-tfal iħarsu lejn Attività 3 dwar Sam u Tara. Aqra s-sentenza u spjega lit-tfal x'hemm bżonn isir. Inkuraġġixxi lit-tfal bil-bzonn li aħna nifirħu bit-tajjeb ta' madwarna daqs li kieku għamilnieh aħna stess.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Aħna lkoll għandna l-kwalitajiet sbieħ tagħna.
2. Ejja nsibu t-tajjeb tagħna u nużawh għall-ġid tagħna u tal-oħrajn.
3. Ejja nagħtu ċans lil kulħadd sabiex joħroġ it-tajjeb tiegħu u jurih.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

L-istudenti jisimgħu lil xulxin u jagħtu ċans lill-oħrajn juru t-tajjeb tagħhom.

Dan juri li huma japprezzaw u jirrispettaw lill-oħrajn.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD eċċ

*Action song: What can you do?*

http://www.youtube.com/watch?v=7MKmbyfhkkE



## Nitolbu

Mulej, bis-saħħa tiegħek, aħna kapaċi nagħmlu ħafna affarijiet sbieħ. Għinna sabiex inkomplu nkabbru t-talenti tagħna. Grazzi, Mulej!

